MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 698/2008

**GO p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Claudia Tabone (I.D. 30569M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ seba’ mija u tnejn u sebghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€772.72), rapprezentanti ammont li huwa dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21572467 (AC 40070933) skond diversi kontijiet mibghuta lilha, u skond id-dokumenti annessi.

IZY 1 – prospett ghas-servizz bl-akkont numru 40070933 (telefon 21572467)
IZY 2 – ftehim dwar is-servizz telefoniku 21572467

Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas s-somma ta' seba' mija u tnejn u sebghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€772.72), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------